# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2001.**

**Numru 9**

**Att ta' Akkuza numru 290/93**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Martin Xuereb**

**Il-Qorti;**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kapacita' taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Awissu 1993, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni fejn l-imputat gie akkuzat :-

1. Talli f'Ghawdex fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Dicembru 1991, ikkommetta serq ta' motor cycle numru P-7576 tal-marka Honda ghad-dannu ta' Joseph Refalo minn Victoria, Ghawdex, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa ; u

2. Barra minn dan ghamel hsara volontarja fl-istess mutur ghad-dannu ta' l-imsemmi Joseph Refalo ; u

3. Talli fl-istess perjodu ta' zmien, saq l-istess motorcycle minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan tal-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert minn polza tas-sigurta' dwar riskji ghat-terzi persuni ; u

4. Talli sar recidiv a tenur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-18 ta' Lulju 1991 liema sentenza ma tistax izjed tigi mhassra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita, tiehu l-provvedimenti skond l-artikolu 28B (1) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 kontra l-istess Martin Xuereb skond sentenza moghtija minn din il-Qorit fit-18 ta' Lulju 1991.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-17 ta' Marzu 1993 sabiex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-imputat tat-30 ta' Marzu 1993 fejn iddikjara illi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti li gew esebiti,

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-imputat u tal-Prosekuzzjoni ;

Rat l-atti kollha tal-process, u

Ikkunsidrat illi :-

Mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, kompriza l-istqarrija ammissiva li kien ghamel l-imputat matul l-investigazzjonijiet, l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrizultaw indubbjament. Infatti l-istess imputat, li ghazel li ma jixhedx, kien dettaljament iddeskriva l-'iter criminis' fl-istqarrija tieghu. Jirrizultaw ukoll il-kwalifiki tas-serq lilu addebitati, billi s-serq tal-mutur, 'vettura' fis-sens tal-Artikolu 271 (g) tal-Kap. 9 sar wara s-7:00pm, f'Dicembru, u ghalhekk wara nzul ix-xemx, mit-triq pubblika u l-mutur kellu valur ta' iktar minn Lm100.

Dwar it-tielet akkuza ma ngiebux provi li l-imputat m'hux munit b'licenzja tas-sewqan u ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax u minnha tilliberah.

Tirrizulta wkoll ir-recidiva imputata lill-akkuzat bir-raba' akkuza u ghalhekk wara li rat l-Artikolu 261(c), (f) u (g), 267, 270, 271(g), 279(a), 280(1), 325(b), 49, 50 u 31 tal-Kap. 9, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ghal dak li jirrigwarda l-piena, wara li hadet in konsiderazzjoni l-kondotta hazina precedenti tal-imputat, izda kkonsidrat ukoll li l-istess kondotta, kompriza l-facilita' li biha l-imputat jigi mikxuf, tindika nuqqas serju ta' maturita' da parti tal-imputat, jekk mhux addirittura marda u kkunsidrat l-eta' zghira tieghu u l-fatt li ikkoopera sew mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet relativi ghall-kaz, issib illi huwa opportun li jkun

> hemm certu temperament fil-piena li ghalhekk ghandha tinghata fil-minimu stabbilit mil-ligi.
>
> Ghaldaqstant tikkundannah ghal hames (5) xhur u tmint (8) ijiem prigunerija fuq l-ewwel imputazzjoni.
>
> Tikkundannah ghal hames (5) xhur prigunerija fuq it-tieni imputazzjoni, u
>
> Wra li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni u rat l-Artikolu 28B (1) tal-Kap 9 u rat ukoll is-sentenza taghha tat-18 ta' Lulju 1991 moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Martin Xuereb" fejn l-imputat tal-llum kien gie kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal perijodu ta' sentejn b'effett mit-18 ta' Lulju 1991 a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 ; u peress illi bis-sentenza tal-lum l-istess imputat instab hati ta' reati li ghalihom hemm piena ta' prigunerija, liema reati saru matul il-perijodu operattiv tal-imsemmija sentenza sospiza tordna li l-istess sentenza sospiza ghandha tibda ssehh u tordna lir-registratur li jaghmel in-notamenti mehtiega specjali imsemmi fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn dik is-sentenza appellata l-intimat misjub hati permezz ta' rikors tal-appell li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfernaha fejn sabitu mhux hati u tirrevoka ghall-kumplament u tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz tirriformaha skond ir-rizultanzi processwali u l-ligi u dan anke dwar il-piena.

L-appellant bhala aggravji jissottometti dan li gej :-

1. Dwar il-hsara volontarja hemm dubbju serju fir-rigward tal-valur reali tal-vettura in kwistjoni, cioe' mutur zghir, li min xtrah l-anqas kien hallas mitt lira tieghu, u kien hemm inoltre wkoll ir-rinunzja. L-appellant jissottometti wkoll fir-rigward li l-akkuza kif dedotta ma kienitx tindika il-valur u hemm ukoll dubbju dwar l-intenzjoni tal-volontarjeta'. Danneggjament volontarju, jissottometti l-appellant, jehtieg dik l-intenzjoni specifika li qed tghid il-ligi u cioe' l-volontarjeta' li wiehed jaghmel hsara. Jekk f'dan il-kaz kien hemm intenzjoni li wiehed jahbi t-tracci tar-reati ma kienx hemm dik l-intenzjoni li ssir hsara volontarja. L-appellant jissottometti wkoll dejjem fl-istess kuntest illi s-serq huwa reat li bih il-halliel ikun irid jispossessa lis-sid tal-haga bl-intenzjoni "rem sibi habendi". Hawn il-prosekuzzjoni ma tatx l-akkuza ta' "theft for use" tal-vettura – tat l-akkuza li timplika fiha l-ispossessament volontarju ghal kollox tas-sid u b'mod permanenti. Id-dannu ghalhekk kien jew totali mas-serq jew ma jinkwadrax id-danneggjament volontarju, jew kien hemm hemm "theft for use" u danneggjament volontarju. Altrimenti z-zewg reati abbinati huma legalment inkoncepibbli.

Ghall-mument din il-Qorti ser tissofferma ruhha fuq dan l-aggravju maqsum f'zewg partijiet u tghid mill-ewwel li assolutament fl-ewwel lok ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant illi meta d-danneggjament isir fil-kors ta' serq, allura ma jistax jigi konsidrat u addebitat lill-imputat separatament u distintament mis-serq. Anke jekk id-danneggjament ikun parti mill-process

tas-serqa, anke jekk ikun mezz ghall-fini, anke jekk ikun jikkostitwixxi aggravju tas-serq, xorta wahda jekk ikun hemm l-elementi kollha tar-reat ta' dannu volontarju, dan huwa imputabbli separatament u in aggunta ghall-aggravju akkompanjanti s-serq.

Fir-rigward imbaghad tas-sottomissjonijiet l-ohra rigwardanti l-hsara volontarja, cioe', dwar il-valur, ir-rinunzja u kif intqal fuq, din il-Qorti ma taqbilx illi jkun hemm xi dubbju ragjonevoli fuq il-valur reali tal-vettura de quo kif anqas jekk setghax kien hemm l-intenzjoni tal-imputat li verament jiddanneggja. Il-Qorti hija sodisfatta li mhux kif qieghed jghid l-imputat.

Dwar fatti l-appellanti jissottometti illi dak li gara wara s-serq bhala tali m'ghandux relevanza fil-kaz attwali.

Frankament din il-Qorti ma tarax illi hemm xi sustanza f'din is-sottomissjoni tal-appellant li ghalhekk mhu ser jintqal xejn aktar fuqha.

In verita', s-sostanza kollha ta' dan l-appell tirrisolvi ruhha fil-kwistjoni ta' piena li kienet ir-raguni principali ghala b'intendiment bejn il-prosekuzzjoni, d-difiza u l-Qorti, dan il-kaz twal 'il ghaliex kien evidenti sa mill-ewwel mumenti tal-appell illi l-appellant huwa bniedem illi ghandu bzonn ghajnuna kbira anke minhabba n-nuqqas taz-zvilupp tal-personalita' tieghu u ta' maturita'. In effetti din il-Qorti kienet fil-kors tal-appell innominat lill-Probation Officer Mariella Camilleri biex tiehu lill-appellant f'idejha u taghmel ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha rilevanti u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet lil din il-Qorti. Anke l-istess Probation Officer mill-ewwel indikat lill-Qorti illi dan kien kaz li kien jirrikjedi attenzjoni kbira u fuq tul ta' zmien konsiderevoli biex forsi l-appellant jigi salvat. Gara illi fil-kors ta' dawn il-proceduri l-appellant ghamel sforzi biex jirranga. Kien hemm ukoll zminijiet fejn ma kienx ezattament qieghed igib ruhu tajjeb u anke kellu wkoll kaz iehor quddiem il-Qorti ghalkemm mhux ta' xi gravita' kbira.

Hu x'inhu, din il-Qorti jidhrilha illi l-funzjoni taghha f'dan il-kaz partikolari tinqeda ahjar jekk hija taghti kont lil dak illi fil-kors tas-snin jidher illi emmnet lill-Probation Offficer Mariella Camilleri illi anke jekk l-appellant ma kienx klijent facli ghaliha, hija hasset illi huwa persuna illi bi ftit ghajnuna familjarji – u din hija disponibbli u hemm il-volonta' da parti tal-familjari tal-appellanti illi jghinuh – flimkien mas-supervizjoni professjonali tal-Probation Officer – dan l-appellant jista' jigi salvat. Almenu din il-Qorti tiehu dan il-pass fiducjuza li l-appellant jifhem l-isforz li qed isir biex jigi salvat u li jikkoopera mal-awtoritajiet partikolarment mal-Probation Officer illi ser tigi nominata biex tissorveljah u ma jinkorrix f'aktar konfrotazzjoni mal-ligi.

S'intendi kien hemm l-ostakolu tas-sentenza appellata bil-mod kif l-istess irrevokat is-sentenza sospiza li kienet inghatat fil-konfront tal-appellant kif hemm deskritt fl-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata. Dak li ser taghmel din il-Qorti huwa illi kif huwa fil-poter taghha illi taghmel tirrevoka dik l-ordni u testendi dik is-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell kif gej u cioe' billi fl-ewwel lok tikkonferma s-sentenza appellata kull fejn sabet lill-imputat mhux hati u kull

fejn sabitu hati, fit-tieni lok tirriforma s-sentenza appellata in kwantu l-piena tal-prigunerija inflitta u dana billi z-zewg termini, u cioe' dak ta' hames xhur u tmint ijiem prigunerija fuq l-ewwel imputazzjoni u dak ta' hames xhur prigunerija fuq it-tieni imputazzjoni qieghda tordna li jkunu sospizi fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghal perjodu ta' erba' snin mil-lum bil-kundizzjoni li fl-istess perjodu l-appellant ma jikkommetti ebda reat iehor. Fit-tielet lok tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ordnat li s-sentenza sospiza tat-18 ta' Lulju 1991 tibda ssehh billi tirrevoka l-istess ordni u tordna illi dik is-sentenza tibqa' sospiza ghall-perjodu ta' sentejn b'effett mil-lum. Dana fit-termini tal-ligi u b'dan illi l-appellant fl-istess perjodu ma jikkommetti ebda reat ieor. Fl-ahharnett qieghda tinnomina u tappunta lill-Probation Officer Mariella Camilleri biex tissorvelja lill-appellant fit-termini tal-ligi b'mod illi dan ghandu joqghod ghall-ordnijiet taghha u dana ghall-perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Aldo Testone
Deputat Registratur